MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 778/2013

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons.), LL.D., bhala mandatarju specjali ta' The Procter & Gamble Company, socjeta' estera nkorporata gewwa l-Istat ta' Ohio fl-Istati Uniti tal-Amerika bin-numru 20677 u b'indirizz ta' One Procter & Gamble Plaza, Cincinnati, Ohio, Stati Uniti tal-Amerika**

**vs**

**Dr. Renzo Porsella Flores u P.L. Gerald Bonello gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil**
**NINGBO CHIAO FENG SHIPPING CO.,LTD., entita' estera**
**b'indikazzjoni ta' indirizz ta' "ROOM 413, TIMES INTL BLDG NO. 187 DONGFENG ROAD GUANGZHOU, GUANGDONG 510000,CHINA" fic-Cina**
**b'digriet tal-11 ta' Settembru 2013; u**

**Dr. Martin Fenech u P.L. Luisa Tufigno**
**gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw**
**lil**
**AL RYADA MARITIME COMPANY A/C NORTH AFRICA SHIPPING, entita' estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' "23 JULY STREET BESIDE OMAR EL KHAYA M HOTEL NEAR BANK OF COMMERCE & DEV BENGHAZI, LIBYA ***" fil-Libja**
**b'digriet tal-11 ta' Settembru 2013**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tat-13 ta' Awwissu 2013 li jghid hekk:

1. illi s-socjeta attrici, maghrufa sew in konnessjoni ma' prodotti ta' kura u ndafa tax-xaghar tal-marka "PANTENE PRO-V", hija proprjetarja ta' diversi trademarks li jkopru dan in-negozju taghha;

2. illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi in konnessjoni mat-trademarks taghha "PANTENE PRO-V" u ohrajn relatati;

3. illi fost ohrajn, is-socjeta attrici ghandha validament irregistrati f'isimha bhala trademarks, it-Trademarks Komunitarji (CTM) bin-numri ta' registrazzjoni 000273342 - "PANTENE" [kelma, b'effett f'Malta mill-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004)], 000272971 - "PANTENE" [kelma, b'effett f'Malta mill-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004)], 000058719 - "PANTENE PRO-V" [kliem, b'effett f'Malta mill-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004)], 004833364 - "PANTENE PRO-V" [figurattiva, b'effett f'Malta mit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006)], 004885646 - "PANTENE PRO-V" [figurattiva, b'effett f'Malta mis-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u sitta (2006)], 005314976 - "PANTENE PRO-V" [figurativa, b'effett f'Malta mill-erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006)], 005314786 - "PANTENE PRO-V" [figurattiva, b'effett f'Malta

mill-erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006)], u 000273292 - "PRO-V" [kelma, b'effett f'Malta mill-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004)], u dawn kollha dwar prodotti ta' kura u ndafa tax-xaghar fost ohrajn;

4. illi fost ohrajn ukoll, is-socjeta attrici ghandha validament irregistrat f'Malta t-trademark "PANTENE" (kelma), numru 8457, b'effett mill-hdax (11) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija hamsa u sittin (1965), u dan dwar prodotti li jinkludu "hair lotions" fost ohrajn;

5. illi s-socjeta attrici hija "detentrici ta' dritt" ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Att dwar Drittijiet dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) [Kapitolu erba' mija w erbatax (414) tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta], u tgawdi mill-protezzjoni derivanti mill-artikoli erbgha (4), tnejn (2) subartikolu wiehed (1) paragrafu (a) u tmienja (8) subartikolu wiehed (1) tal-istess Kap. 414, b'disposizzjonijiet rilevanti kontenuti f'dawk l-artikoli ta' ligi li japplikaw ghal dan il-kaz (fost ohrajn);

6. illi recentement, il-Kontrollur tad-Dwana ssosspenda r-rilaxx tal-container TEMU 6483489 kontenenti inter alia kwantita' ta' fliexken ta' shampoo (gewwa materjal tal-ippakkettjar relattiv), li kollha ghandhom fuqhom trademarks figurattivi "PANTENE PRO-V" bhal dawk tat-trademarks registrati f'isem is-socjeta attrici kif hawn qabel indikat, liema oggetti kollha waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana waqt procedura doganali ta' trasbord (transhipment), mibghuta mill-ewwel konvenuta NINGBO CHIAO FENG SHIPPING CO.,LTD. w in tranzitu ghar-rilaxx eventwali favur it-tieni konvenuta AL RYADA MARITIME COMPANY A/C NORTH AFRICA SHIPPING. Il-Kontrollur tad-Dwana nforma lis-socjeta attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta intellettwali;

7. illi s-socjeta attrici giet mgharrfa bis-sejba in kwestjoni fis-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) ai termini tal-procedura li wasslet ghal din l-azzjoni civili

gudizzjarja u, wara li ezaminat ritratti elettronici u kampjuni ta' dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti falsifikati. Minn naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjeta attrici kopja ta' dokument relattiv ghal dan il-kaz intitolat DRAFT WAYBILL NON NEGOTIABLE fejn, fil-kaxxa relattiva ghax-shipper / parti li qed tibghat hemm indikata NINGBO CHIAO FENG SHIPPING CO.,LTD., entita estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' ROOM 413, TIMES INTL BLDG NO. 187 DONGFENG ROAD GUANGZHOU, GUANGDONG 510000,CHINA fic-Cina, filwaqt li bhala consignee / importatrici hemm indikata AL RYADA MARITIME COMPANY A/C NORTH AFRICA SHIPPING, entita estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' 23 JULY STREET BESIDE OMAR EL KHAYA M HOTEL NEAR BANK OF COMMERCE & DEV BENGHAZI, LIBYA*** fil-Libja;

8. iIIi effettivament allura, l-oggetti Ikoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b'kollox "438 il-kaxxa b'total ta' 21,024 (Wiehed u ghoxrin elf u erba' u ghoxrin) stocc shampoo" (oltre ghall-materjal tal-ippakkettjar relattiv), jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li oggetti falsifikati, u dan kollu f'cirkustanzi inter alia fejn kemm fil-pajjiz minn fejn intbaghtu u kif ukoll fil-pajjiz tad-destinazzjoni hemm protezzjoni b'trademarks registrati f'isem is-socjeta attrici dwar "PANTENE PRO-V", inter alia dwar shampoo;

9. illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefiggja terminu sal-erbatax (14) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlettax (20l3) inkluz, sabiex is-socjeta attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz, u dawn il-procedimenti gudizzjarji civili qed jigu prezentati entro dan l-istess terminu;

10. illi l-esponent jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

11. illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur nomine umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti:

(1) tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'kwantita ta' fliexken ta' shampoo (gewwa materjal tal-ippakkettjar relattiv), li kollha ghandhom fuqhom trademarks figurattivi "PANTENE PRO-V" u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container immarkat "TEMU 6483489" kien jikkontjenihom fost ohrajn, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li oggetti falsifikati;

(2) tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuti u ghas-spejjez taghhom;

(3) tiehu, jew tordna lill-KontroJlur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuti mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

(4) tordna li l-konvenuti ghandhom ibatu l-ispejjez l-ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li qed jirrapprezentaw lil Ningbo Chiao Feng Shipping Co.,Ltd tat-3 ta’ Ottubru 2013 fejn ecceppew:

Illi huma ma jafux bil-fatti li wasslu ghall-kawza u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu twegiba ohra aktar il-quddiem.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li qed jirrapprezentaw lil Al Ryada Maritime Company A/C North Africa Shipping tal-14 ta' Ottubru 2013 fejn ecceppew:

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u jirriservaw li jissottomettu risposta ulterjuri.

Rat l-atti u dokumenti kollha esebiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta attrici hija proprjetarja tal-marki "PANTENE", "PANTENE PRO-V", "PANTENE PRO-V", "PRO-V", u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta' din il-kawza u wkoll mir-registrazzjoni ta' trademarks fir-Registru tat-Trademarks f'Malta bin-numru 8457, u dawk Komunitarji (CTM) bin-numri 000273342, 000272971, 000058719, 004833364, 004885646, 005314976, 005314786, u 000273292.

Illi fil-fatt jirrizulta mix-xhieda b'affidavit ta' George Agius, Ufficjal tal-Kontrollur tad-Dwana (Dok. O a fol. 87) li taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana ssospenda r-rilaxx tal-container numru TEMU 6483489 kontenenti fost ohrajn oggetti konsistenti f'438-il kaxxa b'total ta' 21,024 (wiehed u ghoxrin elf u erba' u ghoxrin) stocc shampoo" (gewwa materjal tal-ippakkettjar relattiv) bil-marki ta' "PANTENE PRO-V" u waslu fil-port hieles ta' Malta (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta' procedura ta' trasbord (*transhipment*). L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta intellettwali.

Illi l-istess kontejner kien wasal Malta fuq il-vapur FAUST fit-13 ta' Lulju 2013 u nfetah, u l-oggetti nzammu mill-Ufficjali tad-Dwana fis-16 ta' Lulju 2013 fuq suspett li kienu foloz, u fil-fatt minn ezamijiet li saru gie kkonfermat li

tali oggetti kienu fil-fatt kontrafatti u li kienu destinati lil konvenuti (Dok. LS2 fol. 333, cioe affidavit ta' Elizabeth M. Rutherford, rapprezentanta tas-socjeta attrici).

Illi minn dan kollu jidher li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u dan permezz tax-xhieda u dokumenti kollha esebiti u fil-fatt lanqas biss hemm ebda kontestazzjoni u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha bil-mod hawn indikat u tali oggetti ghandhom jigu distrutti a spejjez tal-istess socjetajiet/entitajiet konvenuti, liema spejjez huma wkoll indikati fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana datat 29 ta' Lulju 2013 (Dok. O fol. 88).

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'kwantita ta' fliexken ta' shampoo (gewwa materjal tal-ippakkettjar relattiv), li kollha ghandhom fuqhom trademarks figurattivi "PANTENE PRO-V" li jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container immarkat "TEMU 6483489" kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu ta' din il-kawza, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil konvenuti u a spejjez taghhom;

3. Tordna lil konvenuti ghandhom ihallsu l-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni kif elenkat fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana Dok. O fol. 88;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------